# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 28 – IL-ĦAMIS 11 TA' DIĊEMBRU 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (skużat) |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 27

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li kienet bagħtet l-ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-biċċa trejqa fi Triq l-Imtarfa, kif diskuss f'para. 3.1.

2.2 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 6.2, kienet se ssir laqgħa dwar kif wieħed japplika għall-fondi għall-attivitajiet kulturali nhar is-16 ta' Diċembru u għaldaqstant id-data tal-iskadenza kienet se tiġi estiża.

### 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien talab lill-Kunsill sabiex jipprovdi lista ta' spazji pubbliċi li jixtieq li jiġu msebbħa jew żviluppati. Il-Kunsill qabel li għandhom jissemmew iż-żoni ta' wara Triq l-Anzjani, ħdejn tal-Karnival, Triq is-27 ta' April, Ġnien tas-Sinjura u l-Pjazza prinċipali. Is-SE għandha tiċċirkola email dwar l-informazzjoni li tkun ħejjiet qabel ma tintbagħat l-applikazzjoni.

3.2 Hawnhekk is-Sindku ssuġġerixxa li s-SE għandha tikteb lis-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali sabiex tara hemmx xi għajnuna għal min jixtieq jagħmel *dog park*. Il-Kunsill qabel.

3.3 Hawnhekk is-SE infurmat li sadanittant hija kienet għamlet kuntatt mas-SE tar-Reġjun Tramuntana u dan kien infurmaha li kien qed jaħdem fuq il-possibbiltà li kumpanija taljana toffri numru ta' *doggie bins* bla ħlas għal-lokalità tal-Imtarfa

kemm-il darba jirnexxielha ssib xi reklamar biex tpoġġi fuq l-istess bins. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud informa li bħala Reġjun kienu wkoll qed jaħdmu sabiex kull lokalità jkollha mappa b'postijiet ta' interess u informazzjoni oħra u xi reklamar fuqha. Ir-Reġjun kien qed jipprova jara li dawn il-mapep ikunu bla ħlas u li kull lokalità jkollha mill-inqas waħda.

3.4 Is-Sindku informa li l-attività għall-Għajnsielem kienet saret u kienet suċċess.

3.5 Is-Sindku propona li l-perit tal-Kunsill jerġa' jibda jaħdem fuq il-proposta għal proġett ta' Triq San Oswald u biex possibbilment issir estensjoni tal-proġett billi din il-pjazzetta tingħaqad mal-parti tal-bosk li qed tiġi rranġata bħalissa min-naħa waħda u Triq is-27 ta' April min-naħa l-oħra. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Il-Viċi Sindku staqsa lis-SE għaliex kien qed jinħela daqstant toner tal-printers. Hija infurmat li r-raġuni prinċipali kienet li fi żmien il-Milied b'mod speċjali kienu sar ħafna stampar ta' *flyers* għar-residenti u matul l-aħħar xhur kienu ġew stampati wkoll numru ta' *tenders*. Kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika jekk hemmx xi mezz aktar ekonomiku biex jiġu stampati dawn il-*flyers*.

4.3 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Ottubru 2014.

## 5. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA TAL-KNIS MTFLC/T/05/2014 – KNIS TAT-TOROQ

5.1 Minħabba l-fatt li għalkemm kienu saru l-intervisti, mhux kulħadd seta' jattendi, u għalkemm is-SE kienet bagħtet rapport bl-informazzjoni kollha meħuda minn fuq kull dokument individwali u mill-intervisti, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jwaqqaf il-laqgħa b'mod temporanju sabiex jiddiskuti din l-offerta. Il-laqgħa ġiet sospiża għal madwar nofs siegħa.

5.2 Il-Kunsill għamel il-kalkoli tiegħu għal impjieg ta' persuna waħda u ħa inkunsiderazzjoni s-sick leave u vacation leave, bonuses, eċċ kif ukoll somma minima għall-ispejjeż u qabel li dan il-kuntratt ma jistax jinħadem b'inqas minn €14,000. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li l-offerta tingħata lil Chris Gatt, għas-somma globali ta' €14,700 (inkluż id-*doggie park*) li kienet l-irħas offerta minn dak l-ammont 'il fuq. Kien hemm qbil li, kemm-il darba ma jkunx hemm xi appell, dan il-kuntratt għandu jinbeda mit-2 ta' Jannar 2015.

## 6. IL-PROĠETT TAL-BOSK

6.1 Is-Sindku informa li l-*Managing Authority* kienu approvaw uffiċjalment li l-Kunsill jingħata żieda ta' €75,000 sabiex il-proġett ikun jista' jsir fl-inter tiegħu. Għaldaqstant kienet inħarġet l-offerta għal-lots 5 u 6 mill-ġdid. Id-data tal-għeluq tal-offerti kienet it-Tnejn 5 ta' Jannar u kienu se jattendu s-Sindku u l-Kunsilliera Bugeja. Is-SE infurmat li għalissa x-xogħol mibdi kien tassew minimali u kien jinkludi t-tneħħija ta' biċċa konkos minn ġewwa, saret bażi tal-konkos taħt il-grawnd iż-żgħir u bdiet tinbena l-kamra tal-wifi/cctv's. Ix-xogħol li jmiss kien li jittella' l-*boundary wall* u l-qlugħ tas-siġar.

## 7. PUNTI OĦRA

7.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-Reġjun Tramuntana kien qed joffri 8 sigħat ta' gwardjan bla ħlas għall-użu waqt xi attività darba fis-sena għal kull lokalità.

7.2 Il-Kunsillier Mifsud informa wkoll li kienu qed isiru arranġamenti ma' TCTC sabiex isiru numru ta' korsijiet tal-kompjuter għar0residenti u li se jitħallsu min-naħa tar-Reġjun Tramuntana. Huwa informa li fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill kellu jirċievi poster dwar dawn il-korsijiet.

7.3 Fuq talba tal-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil li jsir traqqigħ fi Triq San Alessi.

7.4 Il-Kunsillier Mifsud talab li l-kuntrattur tal-armar tat-tiżjin tal-Milied iżejjed aktar fil-housing estate għaliex kulma żejjen kienu fi Triq Dar il-Kaptan u Triq Sir Temi Zammit biss. Is-SE u s-Sindku infurmaw li għal din id-darba ma kienx possibbli imma kienu se jassiguraw li jivverifikaw kif jista' jiżdied it-tiżjin għas-sena d-dieħla.

7.5 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib kwotazzjoni għal tindif ta' terrapien li hemm man-naħa ta' wara taż-żona tal-Karnival fi Triq San Alessi.

## 8. AĠĠORNAMENT

12.1 Il-laqgħa spiċċat fid-9:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**